**Laqgha Numru 01/K6/2010**

**Introduzzjoni**

L-Ewwel Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 6 ta' Jannar 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava (li wasal fil-5.35pm), Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien skuzat minhabba li jinsab imsiefer fuq btala privata fit-tul.

Ghal parti mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-30 ta' Dicembru 2009. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2009.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2009.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Performance Bonus ta' l-Impjegati.**
- **10. Rapport Finanzjarju Ottubru – Dicembru 2009.**
- **11. Estimi Finanzjarji 2010.**
- **12. Business Plan 2010-2013.**
- **13. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **14. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 20/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 2.02 u ghall-Minuti 19/K6/2009 item 2.15 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li ghandhom jigu avvicinati s-sur Emmanuel Casha li ghamel ir-railing ta' St. Patricks, is-sur Ivan Abela u Azzopardi Aluminium & Metal Works li ghamlu r-railing ta' Triq il-Beatu Dun Gorg Preca sabiex jipprovdu kwotazzjoni, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienu ghadhom qed jingabru l-kwotazzjonijiet.

**46/6517/09/I** 23/11/2009 E-mail minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn informa l-Kunsill bl-iskema 'Nehduk Ghawdex' li jinkludu btajjel qosra f'Ghawdex matul ix-Xitwa u staqsew lill-Kunsill kemm ghandna bzonn fuljetti li jinkludi fih kalendarju shih ta' kif inhi maqsuma l-btala.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.02 u ghall-korrispondenza numru **46/6517/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien attenda ghal din l-istedina li kienet tikkonsisti f'erba' t'ijiem izuru dak li hemm offrut f'din l-inizjattiva u ghalhekk kien ippropona li jkun tajjeb li jitqassam dan il-leaflet lill-komunita' taghna kif ukoll issir laqgha ma' l-anzjani biex jigu mhegga jorganizzaw din l-attivita', is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ser issir laqgha ma' l-anzjani fil-jiem li gejjien fuq dan is-suggett u I-leaflet isir ukoll fil-jiem ta' wara.

**46/6695/09/I** 27/11/2009 Kopja ta' e-mail li s-sur Johann Bellizzi baghat lill-Awtorita' tad-Djar rigward problema li hemm fi Triq Pietru D'Armenia fejn vetturi jostakolaw ir-rampa tal-hrug tal-garaxxijiet u ssuggerixxa li jsiru bollards jew planters.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.26 u ghall-korrispondenza numru **46/6695/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien iltaqa' ma' dan is-sinjur fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u ghalhekk kien ippropona l'issir spezzjoni tas-sit sabiex jigi dentifikat x'hemm bzonn isir, jekk hemm bzonn tingabar stima minghand il-kuntrattur tal-Kunsill u wara jkun il-Kunsill li jiddeciedi jekk issirx in-nefqa jew le, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li z-zjara fuq il-post ser issir fil-jiem li gejjien.

***2.04. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-5.35pm u skuza ruhu li wasal tard.***

**46/6698/09/I** 27/11/2009 Ittra minghand l-AKL tinforma lill-Kunsill sabiex ma jsirx hlas lill-MITA ghall-uzu ta' l-email ghall-Kunsilliera.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.30 u ghall-korrispondenza numru **46/6698/09/I** fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien talab il-koperazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jekk huwa possibbli jipprovdu ndirizz eletroniku wiehed, liema ndirizz ghandu jkun dak ufficjali tal-Gvern, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa qed juza l-email l'inghata mill-Gvern u li minn issa il-quddiem il-membri kollha tal-Kunsill ghandhom jaderixxu ma' din id-direttiva, jigifieri li kull Kunsillier juza dak l'inghata mill-Gvern.

**46/6772/09/I** 30/11/2009 E-mail minghand is-sinjura Davinia Abdilla rigward is-sewqan eccessiv li qed isir fi Triq Gabriele Henin u Triq il-Mediterran minn vetturi li jkunu sejrin ghall-ground tal-Melita u suggerit li jigu nfurmati l-klabb tal-Melita sabiex jinformaw lill-genituri li jwasslu t-tfal sabiex isuqu b'attenzjoni.

**46/6778/09/I** E-mail minghand is-Sinjura Sylvana Tabone li toqghod 1, Triq Fra

30/11/2009 Giuseppe Zammit fejn ilmentat mal-Kunsill rigward is-sewqan eccessiv li qed isir fi Triq Gabriele Henin u Triq il-Mediterran minn vetturi li jkunu sejrin ghall-ground tal-Melita u talbet sabiex jitwahhlu tabelli ta' speed limit u talbet spjegazzjoni ghala nqalghu road humps u suggerit ukoll li hemm bzonn li tigi ntrodotta one way f'xi toroq specjalment minn Triq il-Mediterran ghal Triq Fra Giuseppe Zammit.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.51 u ghall-korrispondenza numri **46/6772/09/I u 46/6778/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jara kif tigi rrangata r-road hump ezistenti li hemm fil-hrug tat-trejqa li mill-Melita FC tmiss ghal Triq il-Mediterran, is-Sindku Joe Zammit qal li kien ghamel spezzjoni tal-hump li hemm u din trid issir sura ghax mhiex skond ir-regoli tal-ADT. Rigward il-mobile cameras il-kelliem qal li ser titressaq bhala talba mill-Kunsill lill-Kumitat Kongunt biex jistharreg din il-materja.

**46/6818/09/I** 01/12/2009 Lista ta' parkeggi riservati gewwa l-lokal ta' Pembroke li nghatat waqt is-seminar li sar mill-ADT nhar il-Hamis 26 ta' Novembru 2009 sabiex jigu vverifikati.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.69 u ghall-korrispondenza numru **46/6818/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom jispezzjonaw dawn is-siti fil-jiem li gejjien, is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba fil-jiem ta' festi kif ukoll il-vacation leave tas-Segretarju Ezekuttiv ma kienx hemm lok l'issir din l-ispezzjoni imma se tkun saret sa qabel laqgha ohra.

**46/6852/09/I** 02/12/2009 Ittra minghand il-Bord tal-Evalwazzjoni fejn b'riferenza ghall-iskema Fondi ghall-Progetti Specjali nformaw lill-Kunsill li ntaghzel bhala wiehed mill-lokalitajiet li ser jibbenifikaw mill-fondi allokati u ser jinghata s-somma ta' €20,000 bhala ghajnuna finanzjarja ghall-applikazzjoni 'Progett ta' installazzjoni ta' dawl gdid fil-lokal f'toroq li ma hemm ebda servizzi fihom'.

**46/6931/09/I** 07/12/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu r-ritratti flimkien ma' stqarrija ghall-istampa tal-laqgha li saret nhar l-Erbgha 2 ta' Dicembru 2009 dwar l-iskema fondi ghall-progetti specjali.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.86 u ghall-korrispondenza numri **46/6852/09/I u 46/6931/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li tinhareg works order lill-kuntrattur ghall-installazzjoni ta' 8 arbli fit-triq bla isem li minn Triq il-Mediterran taghti ghall-grawnd il-gdid ta' Pembroke Athleta kif ukoll 4 arbli fi Triq San Gorg Preca skond kif indikat fl-istima mill-kuntrattur tal-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-bankina ghandha ssir wara li jehlu l-arbli u dan minhabba l-fatt li huwa kien ghadu kemm gie nfurmat li t-talba giet accettata mill-Ministeru tal-Finanzi biex jinhareg il-kuntratt, kif ukoll li kien qal li l-Kunsill ma jistax jinstalla dawl li jahdem b'energija alternattiva minhabba li m'hemmx bizzejjed zmien li jinhareg it-tender u qal li dan gie kollu komunikat lill-Onor. Chris Said, is-Sindku Joe Zammit qal l'intant nhar it-Tnejn 28 ta' Dicembru gie fl-ufficcju tal-Kunsill il-Perit Gordon Zammit l'infurmah li x-xoghol tal-bankina ser jibda it-Tnejn 4 ta' Jannar fejn qal l'immedjatament ghamel komunikazzjoni mal-Kuntrattur ta' street lighting u sar ftehim biex it-Tnejn 4 ta' Jannar issir laqgha fuq il-post bejn iz-zewg kuntratturi. Is-Sindku Joe Zammit qal ukoll li l-kuntrattur J&K Contractors ser jipprovdi stima tax-xoghol li hemm bzonn isir wara Sit A.

**46/6889/09/I** E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-kuntratt dwar

04/12/2009 gbir ta’ skart domestiku nforma l-Kunsill li wara li qara l-e-mail mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kkomunika mal-kuntrattur u spjegalu bil-problema. Il-Kuntrattur weghdu li se jitkellem ma’ shabu biex ghal xahar jibqghu joffru servizz ta’ emergenza bl-istess prezzijiet ta’ qabel minbarra ta’ din il-gimgha u ghandu jibghat lill-Kunsill bil-miktub.

**46/6892/09/I** 04/12/2009 Ittra minghand id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn qed jinforma lill-Kunsill li s-servizz tal-gbir ta’ l-iskart prezenti ghandu jitqies bhala servizz t’emergenza u ghalhekk b’terminu definit u dan sakemm il-Kunsill jerga’ jaghmel sejha ohra sabiex jikseb l-ahjar prezzijiet.

**46/6909/09/I** 07/12/2009 Ittra minghand in-Northern Cleaning Group Ltd. fejn b'riferenza ghall-komunikat li kellu mas-Sindku dwar problema ta’ finanzjament informa lill-Kunsill li l-kumpanija lesta tkompli taghti s-servizz taghha bir-rati ta' l-2009 ghall-perjodu bejn it-Tnejn 7 ta' Dicembru sal-Hamis 7 ta' Jannar 2010 izda bejn nhar it-Tlieta 1 ta’ Dicembru sas-Sibt 5 ta’ Dicembru l-hlas ser ikun skond il-kuntratt il-gdid.

2.09. B’riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.103 u ghall-korrispondenza numri **46/6889/09/I, 46/6892/09/I u 46/6909/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li sakemm ikun hemm decizjoni differenti l-Kunsill ghandu jitlob servizz t’emergenza lill-kuntrattur sas-7 ta’ Jannar 2010 kif ukoll li fil-laqgha li jmiss tittiehed decizjoni finali dwar l-ammont finanzjarju li l-Kunsill ser jalloka ghall-gbir ta’ skart u jekk il-kuntrattur ma jaccettax, il-Kunsill jirriserva dritt li jerga’ johrog l-offerti, is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent Joe Brincat iltaqghu mal-Kuntrattur u gie spjegat lilu l-problema finanzjarja tal-Kunsill ghal dan is-servizz. Il-kelliem qal li fil-laqgha gie propost li l-gabra tas-soltu ssir it-Tnejn, l-Erbgha, il-Hamis u s-Sibt kif ukoll li l-gabra tal-borza griza ssir nhar ta’ Tlieta u l-Gimgha u l-hlas taghha ssir mill-kuntrattur/kumpanija li ser jaghzel il-Kunsill biex b’hekk ikollna fondi bizzejjed ghal dan is-servizz. Ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu l-kelliem ippropona biex jekk il-kuntrattur jaccetta li l-kuntratt jigi jiswa’ € 32,000, il-kuntratt jigi accettat. Il-kelliem ippropona ukoll li jekk dan ma jigix accettat ghandha tinhareg tender gdida u jingabru kwotazzjonijiet t’emergenza jekk il-kuntrattur prezenti ma jaghtix estenzjoni bizzejjed tal-kuntratt.

2.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-Kunsill m’ghandux jaccetta li jnaqqas il-granet tas-servizz ta’ gbir ta’ skart minhabba nuqqas ta’ fondi u suggerit li l-Kunsill joggezzjona dwar dan mad-Dipartiment kif ukoll jaghmel Press Conference biex juri l-ghadab tieghu.

2.13. Is-Sindku Joe Zammit qal li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali diga kien gie nfurmat bil-problema nkluz l-AKL u l-Onor. Chris Said. Il-kelliem qal ukoll li d-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien ta struzzjonijiet li jekk il-Kunsill ihoss li l-prezz huwa gholi, ghandhom jigu rrifjutati l-offerti u jinhargu tenders godda.

2.14. B’riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.120 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet biex is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jipprovdi lista tax-xoghol li jsir mill-istaff kollu, rapport/performance kull xahar tax-xoghol li qed isir mill-iskrivani kif ukoll li kull xahar il-membri tal-Kunsill ghandhom jiltaqghu ma’ l-istaff separatament minn mas-Segretarju Ezekuttiv u eventwalment l-istaff kollu nkluz is-Segretarju

Ezekuttiv f'daqqa sabiex jaraw l-andament tax-xoghol fl-ufficcju, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-ewwel laqgha ta' din ix-xorta ghandha ssir qabel il-laqgha tal-Kunsill li jmiss fejn jigu pprezentati ukoll ir-rapporti mitluba.

2.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7015/09/I** 10/12/2009 Kwotazzjoni minghand il-kumpanija ID Malta ghall-provvista ta' uniformijiet ghall-impjegati klerikali.

2.17. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.142 u ghall-korrispondenza numru **46/7015/09/I** fejn wara diskussjoni mqanqla li saret is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss u tittiehed decizjoni, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-uniformijiet ikunu dawk li ghazlu l-iskrivani tal-Kunsill wara li kemm huwa kif ukoll il-Kunsillier Joe Brincat kienu rawhom. Il-kelliem qal li jispera li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat kellhom bizzejjed zmien mill-ahhar laqgha tal-Kunsill biex jaslu sal-Kunsill u jaraw il-katalgi taghhom u ghalhekk ippropona li dawn jinxtraw.

2.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7027/09/I** 11/12/2009 Ittra minghand WasteServ Malta Ltd. bi proposta ta' kuntratt ghall-kiri tal-Bring In Sites ghall-perjodu ta' 5 snin bil-prezz ta' € 100 ghal kull bin fis-sena.

2.20. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 6.143 u ghall-korrispondenza numru **46/7027/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera, il-kelliem qal li hemm offerti ohra fuq dan is-suggett kif kien espress fil-laqghat li saru mat-tlett operaturi tas-sistema. Is-Sindku Joe Zammit qal li minn dak espress mill-operaturi kif ukoll mill-ittra li baghat id-Dipartiment l'informa lill-Kunsilli biex kull kuntratt ma' xi wiehed minn dawn l-operaturi ikun ghal sena, huwa ppropona biex il-Kunsill jiffirma ma' GreenPak ghall-gbir tal-borza l-griza kif ukoll ghall-operazzjoni tal-Bring in Sites ghall-perjodu ta' sena. Il-kelliem ippropona ukoll li ma tigix accettata l-offerta la ta' WasteServ Malta Ltd., la ta' Green Mt. Ltd u lanqas ta' Fair Trading Ltd izda tigi accettata dik ta' GreenPak fejn dawn ghandhom jissupplixxu skips minn taghhom ghal dan is-servizz kif ukoll jigu mitluba jikkunsidraw li jaghmlu zewg gabriet fil-gimgha tal-borza l-griza nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis.

2.21. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.23. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 12.09 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-hinijiet tax-xoghol tal-haddiema ta' l-ufficju bejn l-1 ta' Lulju u l-ahhar ta' Settembru ghandhom ikunu bejn it-8.00am u s-2.00pm, il-kelliem informa lill-Kunsill li din il-proposta ser terga' titressaq fl-ewwel laqgha meta jkun prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

2.24. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 12.10 fejn is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-bicca bankina fi Triq il-Mediterran faccata ta' quddiem Triq Dun Amabile Sisner fejn qabel kienet bil-planka, kif inhi issa l-ilma jghaddi minn fuq il-bankina u mhux minn taht u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Kuntrattur biex jgholli kif kienet din il-bankina halli l-ilma jghaddi minn taht, il-kelliem

informa lill-Kunsill li din l-ittra lill-Kuntrattur responsabbli mix-xoghol ser issir fil-jiem li gejjien.

2.25. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 12.13 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex issir harga kulturali u socjali ghall-familji tal-lokal nhar San Pawl, is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-harga edukattiva/kulturali ghandha tibda b'quddiesa filghodu wara izuru t-tempji megalitici fil-Qrendi waqfa ghall-lunch f'xi post vicin it-tempji jew f'Wied iz-Zurrieq u wara zjara x-Xarolla taz-Zurrieq li kienet restawrata mill-Kunsill u l-Gvern.

2.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.28. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2009 item 12.16 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li jsiru numru t'attivitajiet socjali u kulturali ghas-sena li gejja u qalet li ladarba jigi ffinalizzat il-kalendarju t'attivitajiet kienet ser tibghat lista dettaljata lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li dan il-kalendarju ser jigi pprezentat fil-jiem li gejjien.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 102/2009** b'rapport tal-laqghat li saru ma' Green MT, GreenPak u Fair Trading Limited **(Ara dokument A), Internal Memo 001/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 20/K6/2009 u 01/K6/2010 **(Ara dokument B) u Internal Memo 002/2010** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 20/K6/2009 u 01/K6/2010. **(Ara dokument C)**

3.02. B'riferenza ghall-kontenut ta' Internal Memo 002/2010, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinkiteb ittra lill-Parks / MRRA dwar l-urgenza tal-qlugh tal-palm kif ukoll li tinkiteb ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jipprotesta ghan-nuqqas ta' permess sabiex jintuzaw fondi li huma ring fenced ghal dan il-ghan.

3.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet l'issir laqgha mal-Pulizija dwar affarijiet li qed jigru fil-lokal.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem qal li bhal dejjem kien attenda ghall-Parata ta' Jum ir-Repubblika kif ukoll xi stediniet li kellu bhala Sindku ghall-jiem ta' festi.

4.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kellu laqgha ma' Ms. Therese Bajada dwar ir-rotta tat-Trasport Pubbliku fejn gie spjegat lilha l-proposti tal-Kunsill. Il-kelliem qal li l-bierah it-Tlieta 5 ta' Jannar 2010 fuq talba tieghu saret site inspection fejn kienet prezenti Ms. Bajada u s-sur Felix Agius, it-tnejn mill-Ministeru ghall-Infrastruttura, Teknologija u Investiment fejn raw il-proposta tal-Kunsill li jidher taf tigi accettata.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 ta' Dicembru 2009 u s-6 ta' Jannar 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/7041/09/I** 14/12/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 1 ta' Dicembru 2009 dwar allowance lill-Kunsilliera baghat spjegazzjoni x'hemm miktub f'artiklu 32 (2) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) u nforma l-Kunsill li r-regolamenti japplikaw ghall-Kunsilli kollha.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7041/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jitlob lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li l-hlas lill-membri tal-Kunsill ghandu jsir fl-ahhar ta' kull xahar u mhux wara 6 xhur kif hemm fl-Avviz Legali u dan apparti li l-istess Dipartiment jigi nfurmat li din hija mizata mizerja u ma tirriflettix l-infieq li attwalment isir mill-membri tal-Kunsill.

6.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7051/09/I** 14/12/2009 E-mail minghand il-kap ta' l-iskola is-Sur Joseph Degiorgio mis-St. Patrick's Boys Craft Centre fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill biex issir ronda mill-pulizija fl-akwata tal-bini minhabba serq li kellhom fl-iskola.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7051/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, bhala l-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni pproponiet li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija sabiex din iz-zona tizdied fir-ronda taghhom.

6.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7057/09/I** 15/12/2009 **46/7081/09/O** 15/12/2009 Rapport li sar mill-Inginier Conrad J. Casha dwar talba ghal rimborz lill-Kunsill b'riferenza ghall-habta li saret nhar is-Sibt 28 ta' Novembru 2009 fejn vettura bi number plate BBP 864 baqghet diehla fuq arblu tad-dawl li l-Kunsill ghadu kemm wahhal ftit tal-gimghat ilu fi Triq Gioacchino Le Brun. L-ispejjez jammontaw ghal €653.23.

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7075/09/I u 46/7081/09/O** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan ir-rapport diga gie mibghut bil-posta l-Ghassa tal-Pulizija San Giljan u personali lil PC 1 Ref: 46/7081/09/O kif ukoll li sa llum il-Kunsill ghadu minghajr ebda risposta meta ser isir il-hlas.

6.09. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jibghat ittra bl-Avukat lil min ghamel il-hsara biex ihallas inkellha jittiehdu passi bil-Qorti kontra l-persuna. Il-kelliem ippropona ukoll li l-hsara li hemm ghandha tigi rrangata mill-Kunsill u tithallas mill-Kunsill sakemm jingabru l-fondi lura.

6.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7060/09/I** 15/12/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-e-mail li baghat il-Kunsill dwar tunnellagg ta' skart fil-landfill informaw lill-Kunsill li wiehed mill-fondi li ser ikun disponibbli ghall-Kunsilli huwa dak ghal Servizzi Estensivi taht il-fondi Specjali 2010 u l-Kunsill jista' jaghmel talba ghal dawn il-fondi addizzjonali taht din l-iskema.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7060/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu japplika ghal dawn il-fondi meta jkunu disponibbli.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7069/09/I** 15/12/2009 E-mail minghand l-AKL fejn qed iheggeg lill-Kunsilli sabiex jingabru l-kalendarji li hargu Food Safety Committee biex jitqassmu lill-pubbliku u qed jissuggerixxu l-Kunsill imur jigborhom mic-Centru tas-Sahha fi Triq Dingli Sliema bejn is-7.30am u t-8.30am u bejn is-2.00 u t-3.00pm.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7069/09/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dawn il-kalendarji diga jinsabu l-Kunsill u l-pubbliku diga ha hafna minnhom.

**46/7073/09/I** 15/12/2009 E-mail minghand l-Ambaxxata Amerikana s-Sinjura Louise Falzon fejn baghtu programm li qed jissuggerixxu li jsir ghaz-zjara ta' l-ambaxxatur Amerikan bejn Jannar u Frar 2010 u talbet il-kummenti tal-Kunsill.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7073/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li z-zjara ghandha tigi proposta l'issir nhar il-Hamis 4 ta' Frar 2010.

6.17. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7075/09/I** 15/12/2009 Artiklu li deher fuq il-gazzetta Times of Malta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2009 dwar disa' ilmenti kontra l-Kunsilli Lokali li qed jigu nvestigati fejn fost dawn il-Kunsilli hemm Pembroke fejn qed jigi nvestigat dwar il-kuntratt tal-gbir ta' skart.

**46/7079/09/O** 15/12/2009 E-mail li l-Kunsill baghat lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gven Lokali b'riferenza ghall-artiklu li deher fuq il-gazzetta Times of Malta fejn infurmajnih li sa llum il-Kunsill ghadu ma giex ufficjalment informat li qed jigi nvestigat dwar l-ghoti tal-kuntratt tal-gbir ta' skart fuq ilment li sar mill-GRTU.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/7075/09/I u 46/7079/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien kiteb lid-Direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar dan.

**46/7091/09/I** 16/12/2009 Fuljett minghand Heritage Malta fejn informaw lill-Kunsill bi ktieb li ghandhom ghall-bejgh ghall-prezz ta' €35 bl-isem 'The Siege of Malta 1565'.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7091/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, bhala l-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni pproponiet li l-Kunsill jixtri kopja ta' dan il-ktieb biex jitpogga fil-librerija tal-Kunsill.

6.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7092/09/I**
16/12/2009

E-mail minghand l-Avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar korrispondenza permezz ta' l-e-mail baghat il-parir tieghu u nforma l-Kunsill li ma jistax jifhem x'inhi l-problema ghax kull Kunsillier ghandu access ghall-email tieghu personali u dak li jircievu huwa personali u hija l-ghazla tieghu li jaqsmu mal-kumplament tal-kunsilliera.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7092/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7099/09/I**
16/12/2009

E-mail minghand l-iskola tal-Verdala fejn informa l-Kunsill li ghandhom bzonn jifthu entratura temporanja minn Triq Giorgio Mitrovich minhabba x-xoghol li ser ikun ghaddej fl-iskola u talab il-koperazzjoni tal-Kunsill u jekk nistghux nipprovdu xi tabelli biex ma jipparkjawx karozzi.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7099/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-materja kienet diga giet diskussa fil-laqgha precedenti 20/K6/2009. Il-kelliem irrimarka li kellha tingieb il-Pulizija biex twaqqaf lil tal-Verdala milli jkompli x-xoghol li fl-opinjoni tal-Kunsill kien hemm ksur tal-ligi. Is-Sindku Joe Zammit qal l'intant ix-xoghol sar f'temp ta' salib u kull ilment li l-Kunsill baghat lill-MEPA ma giex irrispondut bil-miktub li jista' jaghti il-kaz li dan ma kienx qed jikser l-ebda regola.

6.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghall-attitudni tal-MEPA kif ukoll li l-Kunsill ma jistax jifhem kif ix-xoghol li sar ma kienx hemm bzonn t'ebda permess li jsir kif ukoll li l-Kunsill jitlob lill-MEPA tivverifika li l-izvilupp li sar, sar skond il-pjanti approvati.

6.26. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7109/09/I**
16/12/2009

Ittra minghand il-Malta Council for Science & Technology fejn stiednu l-Kunsill jiehu sehem f'gurnata t'attivatajiet bl-isem 'Science Popularisation' fejn jistghu jiehdu sehem sitt Kunsilli Lokali u baghtu applikazzjoni li trid tintbaghat sal-Hamis 7 ta' Jannar 2010.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7109/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, bhala l-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni pproponiet li l-Kunsill jippartecipa f'dan il-progett.

6.29. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7112/09/I**
16/12/2009

Stedina mibghuta lis-Sindki kollha ta' Malta u Ghawdex minghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onor. Dr. Chris Said fejn infurmhom bil-konferenza ta' l-ECAD li ser issir f'Ghawdex bejn il-21 u t-23 t'April 2010.

6.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/7112/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/7122/09/I**
17/12/2009

